# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


***Minuti tal-65 laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali li nżammet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 18 ta' Novembru 2014 fis-6:15 p.m.***

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Viċi Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Christopher Fenech |
| | Vincent A Galea |
| | Alfred Muscat |
| **Ambaxxatriċi Żagħżugħa** | Rebecca Chircop |
| **Aġent Segretarju Eżekuttiv** | Kurt Guillaumier |

**65/01** **Talba**

**65/01/01** Il-laqgħa bdiet fis-6.15 p.m. billi ntqalet it-talba.

**65/02** **Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 64**

**65/02/01** Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**65/03** **Punti mtella' mill-Minuti 64**

**65/03/01** **Para 64/03/01:** Il-Kunsill ġie infurmat li l-GreenMT għad iridu jiffisaw data biex ineħħu l-iskips u jeħduhom fis-SearchLight Battery. Ġie innutat ukoll li għadhom ma tawniex il-boroż tar-reċiklaġġ. Ġie deċiż li ssir laqgħa oħra mal-GreenMT.

**65/03/02** **Para 64/03/02:** Il-Kunsill ġie infurmat li r-residenta ħallset, u ġew ordnati t-tabelli għal Pjazza tad-Dejma. Ġie deċiż li tiġi ordnata tabella ġdida għar-reserved tal-gass.

**65/03/03** **Para 64/03/04:** Il-Kunsill ġie infurmat li l-Euro Clean ġab l-irċevuti u ġabar il-ħlas pendenti tiegħu. Rigward il-kont pendenti tal-varazjoni tad-diesel, saret laqgħa mal-Avukat tal-Kunsill u ġie deċiż issir ir-risposta bl-Avukat u jintbagħat iċ-cheque bl-ammont skont il-kalkoli tal-Kunsill.

**65/03/04** **Para 64/03/05:** Ix-xogħol fuq din it-triq għadu ma bediex. Għandu jsir kuntatt mal-kuntrattur.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**65/03/05** **Para 64/03/07:** Ġie innutat li l-ilmenti għadhom deħlin fuq l-arranġament tat-traffiku fit-Toroq Santa Katerina, Sebħ, Madliena u Ibraġ. Il-Kunsill talab lil TM biex Triq Santa Katerina tiġi One Way except for Residents. Ġie deċiż li jekk din it-talba ma tiġiex milqugħa jitneħħew it-tabelli tal-One Way u minflok isiru tabelli li jindikaw Two Way.

**65/03/06** **Para 64/03/09:** Wasal id-draft tal-fuljett tal-Kunsill. Ġew diskussi xi korrezzjonijiet li jridu jsiru.

**65/03/07** **Para 64/03/10:** Il-laqgħa saret mis-Sur Vincent A Galea mal ko-ordinatur tal LEAP Project, imma ma setgħux jiġu identifikati persuni bi problemi soċjai fil-lokal.

**65/03/08** **Para 64//03/11:** Is-Sur Vincent A Galea għandu jkompli jikkordina mal-Battlefront Group u jimla l-applikazzjoni għall-iskema għall-fondi għall-attivitajiet kulturali. L-applikazzjoni tagħlaq fit-12 ta' Dicembru 2014.

**65/03/09** **Para 64/03/12:** Il-ftehim mas-Soċjetà Filarmonika San Bartilmew ġie ffirmat u wkoll ġie ppreżentat disinji ġodda għad-dwal tal-Milied.

**65/03/10** **Para 64/03/13:** Il-plakka ta' Triq Katerina Sammut ġiet mixtrija u l-MEPA ġiet infurmata bl-iżvilupp li allegatament għaddej fl-istess triq.

**65/03/11** **Para 64/03/15:** Il-Kunsill ġie infurmat li l-live streaming ġie ċċertifikat minn Galea Curmi Engineering.

**65/03/12** **Para 64/03/18:** Għandu jsir follow up mal-Paying Agency rigward pagamenti pendenti lill-kuntratturi.

**65/03/13** **Para 64/03/19:** Gie innutat li l-injections għal kontra l-influenza ġew miġbura u ser jingħataw is-Sibt, 22 ta' Novembru 2014. Għandu jsir reminder lin-Nurse.

Is-Sur Vincent A Galea skuża ruħu mil-laqgħa fis-6.50 pm.

**65/03/14** **Para 64/05/03:** Kien hemm ħafna korrispondenza lil TM kif ukoll lill-Pulizija rigward il-problema ta' Triq il-Ġnien, imma għad ma kienx hemm ebda risposta.

**65/03/15** **Para 64/06/05:** Għandha teħel il-bozza approvata fi Triq Dun Karm Fenech.

**65/03/16** **Para 64/07/01:** Il-Purchase Order lil Smart Lights għad-dawl taż-żebra crossing tal-Pjazza ħarġet imma għadu ma sarx ix-xogħol.

**65/03/17** **Para 64/07/07:** Is-Sur Alfred Muscat tkellem fuq l-attività għall-anzjani li ser tiġi organizzata fl-Orange Tree Hall fit-18 ta' Diċembru 2014.

**65/03/18** **Para 64/07/04:** Is-Sur Chris Fenech informa lill-Kunsill li l-Clean Up li saret fis-16 ta' Novembru kienet ta' suċċess u tkellem fuq l-attività Milied fil-Pjazza li ser issir fl-14 ta' Diċembru 2014.

**65/03/19** **Para 64/07/09:** Il-Kunsill ġie infurmat li l-attività Mixja mill-Għar ser issir fit-12 ta' Diċembru 2014 minflok fis-16 ta' Diċembru 2014.

**65/03/20** **Para 64/07/10:** Ġie deċiż li tinħareg il-Purchase Order għall-irħas offerta wara li jara s-Sur Mark Azzopardi.

**65/04** **Approvazzjoni ta’ Pagamenti**

**65/04/01** L-Aġent SE ippreżenta l-iskeda ta’ pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta’ meta kienet ġiet ippubblikata l-*Agenda*. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti.

**65/05** **Ilmenti u Suġġerimenti**

**65/05/01** 18114019220103 Kien hemm talba biex jitneħħew il-bollards minn Triq San Ġwann u jsiru żewġ sleeping policemen. Wara diskussjoni, din it-talba ma ġietx milqugħa.

**65/05/02** 18114093220225 Kien hemm talba biex jeħlu żewġ bozoz fi Triq il-Ġnien l-isfel mill Kappella. Wara diskussjoni ġie konkluż li dawn il-bozoz jiġu jiswew ħafna, u m’hemmx budget għalihom.

**65/05/03** 18114017220307 Kien hemm talba biex jitweħħlu tabelli tal-klieb fi Triq iż-Żagħruna. Ġie deċiż li dawn ma jsirux.

**65/05/04** 18114088220309 Kien hemm talba biex kaxxa safra quddiem garage fi Triq Karmnu Zarb titkabbar. Għandu jsir site visit.

**65/05/05** 18114060220311 Kien hemm talba biex isir xi ħaġa għaliex filgħodu t-traffiku qed jeħel fi Triq in-Naxxar u Triq Santa Katerina. Wara diskussjoni ġie stabbiliet li m’hemmx soluzzjoni.

**65/05/06** Kien hemm diskussjoni rigward it-traffiku fi Triq Għaxqet l-Għajn. Ġie deċiż li ssir talba lil TM biex din it-triq issir One Way bejn is-6.30 u t-8.30 ta' filgħodu biex il-Għargħur ma jibqax jservi ta' bypass għat-traffiku.

**65/06** ***Korrispondenza***

**65/06/01** Ġiet innutata laqgħa fejn ser jiġu mistiedna l-Ambaxxaturi lokali taż-Żgħażagħ.

**65/06/02** Ġiet innutata korrispondenza fejn il-Kunsilli qed jiġu mħeġġa jbiegħu kotba "Tisjir mill-Qalb" b'risq il Community Chest Fund. Ġie deċiż li nġibu 50 minn dan il-ktieb biex jinbiegħ mill-Kunsill.

**65/06/03** Għandha tinġabar l-informazzjoni mitluba minn Memo 26/2014.

**65/06/04** Ġie innutat Seminar Training Needs Analysis fl-1 ta' Diċembru 2014.

**65/06/05** Ġiet aċċettata l-istima ta' 264.32 Ewro minn Transient Ltd għal Sound and Light għall-attivitajiet tal-Milied.

**65/06/06** Ġiet innutata l-ittra legali minn Euroclean. Ġie deċiż li tinbagħat risposta bl-Avukat tal-Kunsill.

**65/06/07** Ġiet innutata Ċirkolari AKL 72/2014 fejn kien hemm dettalji fuq l-elezzjonijiet tal-kunsilli skolastiċi.

**65/06/08** Is-Sindku spejga l-pożizzjoni tal-Kunsill rigward PPP.

**65/06/09** Ġiet innutata korrispondenza mir-Road Permit System li TM ser tagħmel xogħlijiet ta' resurfacing fit-Toroq tal-Ferħa u Għaxqet l-Għajn.

**65/06/10** Għandu jsir bilateral meeting nhar it-Tnejn, 1 ta' Diċembru 2014 ma' MEAIM. Għandu jattendi s-Segretarju Eżekuttiv.

**65/07** **Materji oħra u mistoqsijiet**

**65/07/01** Is-Sur Alfred Muscat spejga li hu ltaqa' mal-Managment tal-Mc Donalds u kkonfermawlu li kienu ser jisponsorjaw bin.

**65/07/02** Is-Sindku ta rendikont tad-diskussjonijiet li saru fil-laqgħa tas-Sindki. Dawn jinkludu fost oħrajn, it-tindif tas-swieq miftuħa mill-Kleansing, Collective Agreement tal-ħaddiema tal-IPSL, pożizzjonijiet finanzjarji tal-Kunsilli, survey li sar fuq il-Kunsilli kif ukoll l-bżonn li jissaħħu r-Reġjuni.

**65/07/03** Għandu jimtela l-Performance Appraisal tal-ex skrivana tal-Kunsill, Jeannine Dimech.

**65/07/04** Kien hemm diskussjoni rigward l-ammont pendenti li hemm taħt l-iskema PPP kif ukoll l-ammont approvat ta' 70000 Ewro biex issir triq oħra. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-roads servicing biex jitħallas l-ammont ta' qabel jekk jingħata skont fuq dan il-ħlas li ser isir qabel iż-żmien. Din il-laqgħa għandha ssir fil-11 ta' Diċembru 2014 fil-5.00pm.

**65/08** **Aġġornament**

**65/08/01** Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.00 p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Hamis, 11 ta' Diċembru 2014 fil-5:30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Mario Gauci** | **Kurt Guillaumier** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |